# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' April, 2024.**

**Numru 11**

**Rikors numru 70/2022/1BS**

**Emanuel Mizzi**

**v.**

**Nathalie Attard, Imelda Mizzi, Paul Mizzi (86044G), Joseph Mizzi (62243G), Paul Mizzi (46749G), Godfrey Mizzi, Jason Mizzi, Simon Mizzi, Joseph Mizzi (38256G), Michael Mizzi, Paul Mizzi (11362G), Miraldine Buttigieg, Mary Mizzi, Jane Refalo, Michelina Calleja, Rev. Anthony Mizzi, Michelina Buttigieg, Joseph Mizzi (461773M), u b'digriet tat-8 ta' Lulju, 2022 u digriet iehor tal-21 ta' Lulju, 2022, Nathalie Attard ġiet nominata bħala kuratur deputat sabiex tirrappreżenta lil Mary Grima mart Angelo Grima; Tereza Vollmer mart Alfred Vollmer; Bernardette mart Frank Galea; John Mizzi; Michael Mizzi u b'digriet tat-22[1] ta' Lulju, 2022 Nathalie Attard ġiet**

[1] Għall-finijiet tal-**Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din il-Qorti qiegħda tordna korrezzjoni fir-rikors tal-appell tal-attur u kull fejn huwa meħtieġ fl-atti fis-sens li minflok "*21 ta' Lulju*", dan irid jiġi msewwi biex jaqra "*22 ta' Lulju*".

**nominata kuratur deputat ta' Joanne Noble; u b'digriet tal-21 ta' Lulju, 2022, Godfrey Mizzi ġie nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil Richard Micallef u David Micallef; u b'digriet tat-8 ta' Lulju, 2022 l-Avukat Dottor Joseph Grech ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil John Mizzi, Eugenio Mizzi, Michael Mizzi; l-eredi ta' Linette *sive* Netta Micallef mart Michael Micallef; u b'digriet tal-21 ta' Lulju, 2022 Reverendu Dun Anton Mizzi ġie nominat bħala kuratur deputat ta'[2] Maria Grima mart John Grima u b'digriet tal-15 ta' Frar, 2024 minħabba l-mewt ta' Michael Mizzi l-atti ġew trasfużi f'isem George [recte: John][3] u Charles Mizzi kif rappreżentati mill-mandatarja tagħhom Nathalie Attard**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-attur minn digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) mogħti nhar it-22 ta' Marzu, 2022, li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti ddikjarat il-kawża bħala deżerta.

**Daħla**

2. Illi permezz ta' rikors maħluf imressaq nhar l-1 ta' Ġunju, 2022, l-

[2] Għall-finijiet tal-**Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din il-Qorti qiegħda tordna korrezzjoni fir-rikors tal-appell tal-attur u kull fejn huwa meħtieġ fl-atti fis-sens li qabel l-isem ta' Maria mart John Grima jridu jiddaħħlu l-kliem *«u b'digriet tal-21 ta' Lulju, 2022 Reverendu Dun Anton Mizzi ġie nominat bħala kuratur deputat ta'.»*

[3] Ara r-rikors ta' Emanuel Mizzi tal-10 ta' Ottubru, 2023 u dak ta' Nathalie Attard tas-17 ta' Jannar, 2024 u d-dokumenti mehmuża ma' dan l-aħħar rikors.

attur fisser li l-partijiet kollha fil-kawża huma n-neputijiet tal-mejtin Michael Mizzi u martu Mary Frances Mizzi, li rregolaw is-suċċessjoni tagħhom permezz ta' testment *unica charta* tal-5 ta' Ġunju, 1968 fejn fost dispożizzjonijiet varji, ħallew lil uliedhom (disat aħwa) bħala eredi universali tagħhom f'sehem indaqs bejniethom. Fisser li maż-żmien kien hemm xi trasferimenti ta' ishma indiviżi, donazzjonijiet u legati, biex b'hekk il-porzjonijiet rispettivi tal-werrieta mhumiex l-istess. Fost l-assi marbuta ma' dan il-wirt hemm inkluż il-fond numru 40, fi Triq il-Knisja, ġewwa l-Għasri, Għawdex, bir-raba' tmiss miegħu, kif ukoll bosta porzjonijiet oħra ta' raba'. L-attur tenna li peress li huwa ma jixtieqx li jibqa' fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti, ressaq din il-kawża u talab b'hekk id-diviżjoni tal-assi tal-wirt ta' Michael Mizzi u martu Mary Frances Mizzi.

3. Nathalie Attard ressqet risposta maħlufa *proprio et nomine* fit-22 ta' Lulju, 2022.

4. Nhar il-5 ta' Diċembru, 2022, Nathalie Attard ressqet rikors, li permezz tiegħu talbet lill-Ewwel Qorti timponi ordni fuq l-attur, b'riħet l-**Artikolu 963 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, konsistenti f'terminu qasir u perentorju fuq l-attur sabiex il-proċeduri bil-miktub jingħalqu u fin-nuqqas il-kawża tiġi ddikjarata deżerta.

5. Permezz ta' digriet tas-6 ta' Diċembru, 2022, l-Ewwel Qorti ordnat notifika tal-atti lill-konvenuti u appuntat il-kawża għall-ewwel dehra għat-2 ta' Frar, 2023.

6. Reverendu Anthony Mizzi ressaq risposta maħlufa f'ismu proprju u fil-kwalità tiegħu ta' kuratur deputat ta' Mary Grima, flimkien ma' Michelina Buttigieg u Joseph Mizzi fis-27 ta' Jannar, 2023.

7. Permezz ta' digriet tal-1 ta' Frar, 2023 l-Ewwel Qorti tat id-digriet tagħha għar-rikors ta' Nathalie Attard, li permezz tiegħu qalet li fid-dawl tal-fatt li kien hemm bosta nuqqasijiet fil-Qorti li kienu qegħdin iwasslu għal dewmien sabiex atti jiġu notifikati, tat lill-attur xahar żmien sabiex jirregola ruħu. Dik il-Qorti għamlitha ċara li ma kinitx se tagħti aktar estensjonijiet.

8. Imelda Mizzi u Jane Refalo ressqu r-risposta maħlufa tagħhom separatament nhar l-1 ta' Frar, 2023. Il-konvenut Michael Mizzi ressaq ir-risposta maħlufa tiegħu nhar is-7 ta' Frar, 2023. Filwaqt li l-konvenuti Paul Mizzi (86044G), Joseph Mizzi, Paul Mizzi (11362G), Miraldine Buttigieg, Mary Mizzi u Michelina Calleja ressqu r-risposta maħlufa tagħhom fil-31 ta' Jannar, 2023.

9. Fit-22 ta' Jannar, 2023, l-attur ippreżenta nota spjegattiva li

permezz tagħha rrileva li sabiex tiġi magħluqa l-proċedura marbuta mal-bandu u l-ħatra ta' kuraturi deputati kienu meħtieġa xi digrieti. Għal dak li huma notifiki tal-konvenuti li jirrisjedu fil-Gżejjer Maltin, l-attur fisser li kien għad jonqos biss notifika waħda, ċjoè dik ta' Simon Mizzi.

10. Il-konvenuta Nathalie Attard ressqet nota b'urġenza fit-2 ta' Marzu, 2023 li permezz tagħha talbet lill-Ewwel Qorti tiddikjara l-kawża bħala deżerta.

11. Fis-16 ta' Marzu, 2023 l-attur ressaq rikors fejn fisser x'kien sar u x'kien fadal isir.

12. Inżamm smigħ nhar it-22 ta' Marzu, 2023 quddiem l-Ewwel Qorti, li tat dan id-digriet:

> *«Il-Qorti;*
>
> *Rat ir-rikors tal-attur Emanuel Mizzi tas-16 ta' Marzu 2023;*
>
> *Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Frar 2023;*
>
> *In vista ta' dak dikjarat minn din il-Qorti fid-digriet tagħha tal-1 ta' Frar 2023 ma hiex [*recte: *mhix jew mhijiex] ser takkorda aktar estensjonijiet u għalhekk tiddikjara l-kawża bħala deżerta.»*

13. L-attur ħassu aggravat minn dan id-digriet u ressaq appell permezz ta' rikors tat-28 ta' Marzu, 2023, bi tliet aggravji: (i) li d-deżerzjoni mhijiex f'lokha; (ii) li d-deżerzjoni fil-każ tiegħu tmur kontra kull prinċipju proċedurali; u (iii) li d-dikjarazzjoni tad-deżerzjoni ppreġudikatlu d-dritt

għal smigħ xieraq.

14. Reverendu Anthony Mizzi f'ismu proprju kif ukoll fil-kwalità tiegħu ta' kuratur deputat tal-imsiefra Mary Grima, flimkien ma' Michelina Buttigieg u Joseph Mizzi ressqu risposta fl-4 ta' Mejju, 2023, li permezz tagħha ressqu argumenti sabiex l-appell jintlaqa', b'dan li sostnew li m'għandhomx ibatu spejjeż.

15. L-Avukat Dottor Joseph Grech bħala kuratur deputat ta' John Mizzi, Eugenio Mizzi, Michael Mizzi, l-eredi ta' Linette *sive* Netta Micallef, Maria Grima mart John Grima ressaq risposta fil-11 ta' Mejju, 2023.

16. Il-konvenuti Paul Mizzi (86044G), Joseph Mizzi, Paul Mizzi (11362G), Miraldine Buttigieg, Mary Mizzi u Michelina Calleja ressqu risposta fit-12 ta' Lulju, 2023 li permezz tagħha qajmu żewġ preġudizzjali (i) tal-irritwalità tal-appell, u (ii) tan-nullità tal-appell, u kif ukoll sostnew li huma m'għandhomx jiġu kkundannati li jħallsu xi spejjeż.

17. Il-konvenuti Imelda Mizzi u Nathalie Attard f'isimha proprju u in rappreżentanza tal-imsefrin Mary Grima mart Angelo Grima, Tereza Vollmer, Bernardette Galea, John Mizzi u Joanne Noble ressqu r-risposta tagħhom fit-18 ta' Settembru, 2023 u qajmu wkoll il-preġudizzjali tan-nullità tal-appell u komplew billi taw ir-raġunijiet tagħhom għala l-appell

għandu jiġi miċħud.

18. Jane Refalo ressqet ir-risposta tagħha fit-22 ta' Settembru, 2023 u tat ir-raġunijiet tagħha għala l-appell għandu jintlaqa', b'dan li m'għandhiex tbati spejjeż.

19. Michael Mizzi ressaq ir-risposta tiegħu fit-18 ta' Ottubru, 2023 fejn qajjem il-preġudizzjali li l-appell għandu jkun dikjarat null, u wara ta r-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

20. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Frar, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

21. Dan huwa appell minn digriet ta' deżerzjoni.

22. L-attur issejjes l-appell tiegħu fuq tliet aggravji. Permezz tal-**<u>ewwel aggravju</u>** jsostni li d-digriet tad-deżerzjoni mhux f'loku, billi jgħid li t-terminu sabiex titqies jekk kawża hijiex deżerta għandu jitlaq mid-data tad-digriet tal-appuntament tal-kawża u dan skont tagħlim ġurisprudenzjali. B'hekk jiġi li t-terminu ta' sitt xhur kellu jagħlaq nhar il-5 ta' Ġunju, 2023. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** l-attur jgħid li d-deżerzjoni fil-każ

tagħna hija kontra kull prinċipju proċedurali billi l-atti għandhom jiġu salvati. Jissokta jgħid li fuq kollox huwa ma setax ikollu kontroll fuq l-operat tal-qorti. Jgħid li għalkemm in-notifiki kollha tħallsu mal-preżentata tar-rikors maħluf, l-atti ma setgħux jiġu notifikati mingħajr ma jkun hemm digriet għall-appuntament li ngħata biss fis-6 ta' Diċembru, 2022. Barra minn hekk, l-attur jgħid li s-**subinċiż (3) tal-Artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi li l-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex il-proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat li l-kawża tmur deżerta. L-attur jisħaq li d-digriet tal-Ewwel Qorti tal-1 ta' Frar, 2023 li permezz tiegħu ngħata biss xahar ma kienx f'loku billi l-Qorti setgħet tagħti bosta ordinijiet u mhux biss terminu. Fl-aħħar nett, permezz tat-**<u>tielet aggravju</u>**, l-attur wara li jirreferi għal xi nuqqasijiet li kien hemm anke mill-Ewwel Qorti, jgħid li bid-dikjarazzjoni tad-deżerzjoni huwa ġarrab ksur tad-dritt għal smigħ xieraq.

23. Huwa xieraq, f'dan l-istadju, li tingħata ħarsa ħafifa lejn il-prinċipji li jsawru dawn l-istitut tad-deżerzjoni.

24. Illi l-istitut tad-deżerzjoni huwa maħsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma tkunx qiegħda tmexxi bil-għaqal il-proċedura mibdija minnha, għalkemm mhux maħsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawżi u lanqas biex isawwat lill-istess parti (jew

appellant, skont il-każ) minħabba ħtiġijiet amministrattivi tal-Qorti (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***AJD Tuna Limited v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd et*** deċiża fl-24 ta' Awwissu, 2020).

25. Id-deżerzjoni tal-kawżi hija regolata b'Titolu għalih fil-**Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta** (**Titlu XV tat-Tielet Ktieb tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (**Artikoli 963 sa 967 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), li jfisser b'mod partikolari kif kawża tintemm minħabba li tkun tqieset abbandunata minn min bdiha. L-effetti tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, fl-ewwel istanza, jkunu li l-kawża tintemm imma ma jintemmx magħha l-jedd li l-attur jibda proċeduri oħrajn ġodda dwar l-istess kwistjoni jekk kemm-il darba jkun għadu fiż-żmien li jagħmel dan (ara **Artikolu 963(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Ursula Neppl v. Vincent Muscat et*** deċiża fl-24 ta' Settembru, 2001; kif ukoll, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Georgina Borg v. Errol Cassar*** deċiża fit-30 ta' Novembru, 2017).

26. B'żieda ma' dan, il-liġi tagħmilha ċara li ż-żmien maħsub għad-deżerzjoni tal-kawżi huwa wieħed perentorju u għaldaqstant mhux mogħti li dan jittawwal jekk mhux fiċ-ċirkostanzi espressi maħsuba mil-liġi nnifisha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***AJD Tuna Limited v. Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd et*** deċiża fl-24 ta' Awwissu, 2020).

27. Huwa miżmum li għall-finijiet tal-**Artikoli 154** sa **158 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-proċedura bil-mitkub trid tingħalaq fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur (ara l-**Artikolu 963(1) tal-istess Kodiċi**). Skont ġurisprudenza miżmuma dan il-perijodu ta' żmien ma jibdiex miexi minn dakinhar li jiġi mressaq ir-rikors maħluf iżda minn meta l-qorti toħroġ l-ordni li bih il-kawża tingħata jum għall-ewwel smigħ u jinħareġ l-avviż ta' dik id-data (ara ***Distinct Conversions Limited v. Joseph Fasanelli et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Jannar, 2003).

28. Induru għalhekk għall-każ tagħna. Din il-Qorti tqis li huwa xieraq li qabelxejn titqies il-preġudizzjali mressqa mill-konvenuti Paul Mizzi (86044G), Joseph Mizzi, Paul Mizzi (11362G), Miraldine Buttigieg, Mary Mizzi u Michelina Calleja, ċjoè l-irritwalità tal-appell imressaq.

29. Dawn l-appellati jgħidu li l-appell huwa irritu u ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jsir. Filwaqt li jirreferu għall-**Artikolu 963(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jgħidu li m'hemmx kwistjoni li quddiem qorti tal-ewwel grad, iż-żmien ta' sitt xhur ma jibdiex miexi mill-preżentata tar-rikors maħluf iżda minn meta l-Qorti toħroġ l-ordni li bih il-kawża tingħata jum għall-ewwel smigħ u jinħareġ l-avviż ta' dik id-data. Jissoktaw jgħidu li meta jiġu eżaminati l-atti tal-kawża, wieħed isib li d-digriet li bih l-Ewwel Qorti appuntat il-kawża għall-ewwel smigħ ingħata

fis-6 ta' Diċembru, 2002 u għalhekk meta fit-22 ta' Marzu, 2023 l-Ewwel Qorti tat id-digriet dwar id-deżerzjoni tal-kawża, iż-żmien tas-sitt xhur kien għadu ma għaddiex. Jgħidu li minkejja dan, ma jfissirx li l-attur kellu raġun jippreżenta dan l-appell biex jattakka d-digriet tat-22 ta' Marzu, 2023. L-appellati jfissru li l-konsegwenzi f'każ li l-proċeduri bil-miktub ma jkunux ġew magħluqa fiż-żmien imsemmi fl-**Artikolu 963(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jinsabu mniżżla fis-**subinċiż (5) tal-istess Artikolu**, liema konsegwenzi mhumiex l-istess għall-kawżi li jkunu qegħdin jinstemgħu minn qorti fil-grad ta' appell.

30. Dawn l-appellati għalhekk isostnu li meta l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta Nathalie Attard biex il-kawża tmur deżerta, dak id-digriet ma kienx ifisser li l-kawża awtomatikament marret deżerta. Jgħidu li minflok, daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet misjuba fl-**Artikoli 963(5)(a)** u **964 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u b'hekk il-kawża fil-fatt ġiet differita *sine die*. Għalhekk huma jissoktaw jgħidu li jekk l-attur appellant ried li din il-kawża tiġi appuntata mill-ġdid, ir-rimedju li kellu ma kienx dak li jressaq appell quddiem din il-Qorti, iżda li fi żmien tliet xhur mid-digriet tat-22 ta' Marzu, 2023 iressaq rikors quddiem l-Ewwel Qorti fejn jitlob li l-kawża tiġi appuntata mill-ġdid. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar id-deżerzjoni kellhom jitqiesu bħala impliċitament imdaħħla fid-digriet appellat. Dan ma sarx u allura ġie li fit-23 ta' Ġunju, 2023 din il-kawża waqgħet deżerta. Dan ifisser, skont dawn

l-appellati, li din il-Qorti hija issa prekluża milli terġa' tqajjem xi ħaġa li diġà marret deżerta.

31. Din il-Qorti tqis li dawn l-appellati għandhom raġun. Sewwa jgħidu li ż-żmien imsemmi fl-**Artikolu 963(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** kellu jitlaq mid-data tad-digriet li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti appuntat il-kawża għall-ewwel smigħ. Fil-każ tagħna nafu li ma ġarax hekk, billi d-digriet tal-Ewwel Qorti bid-data tal-ewwel smigħ iġib id-data tas-6 ta' Diċembru, 2022, filwaqt li l-kawża ġiet iddikjarata deżerta nhar it-22 ta' Marzu, 2023, meta allura t-terminu ta' sitt xhur kien għadu għaddej. Biss però dan il-fatt xorta waħda ma jagħtix raġun lill-attur li għażel li jressaq dan l-appell. Dan għaliex ladarba l-proċeduri kienu għadhom qegħdin jinstemgħu quddiem qorti tal-ewwel grad, kellu jitqies u jitħaddem is-**subinċiż (5) tal-Artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

32. Sfiq ma' dan jikseb relevanza dak li ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Francesco Saverio Frendo v. Rev. Giuseppe Frendo et*** deċiża fit-22 ta' Jannar, 2001 li:

> *«Is-subinċiż 1 tal-artikolu 963 jiddetermina l-għeluq tal-proċedura bil-miktub. Is-subinċiż 1 jispeċifika illi l-proċedura bil-miktub f'kull kawża għandha tiġi magħluqa fil-Qorti tal-ewwel grad fi żmien perentorju ta' sitt xhur u fil-Qorti tal-grad ta' Appell fi żmien perentorju ta' sena. Dan l-ewwel subinċiż bl-ebda mod ma jiddikjara fih x'kienu l-effetti f'każ li l-atti bil-miktub ma jiġux hekk magħluqa fi żmien stipulat. Dawn l-effetti f'kawża, fejn il-proċeduri bil-miktub ma jkunux ġew magħluqa fiż-żmien prefiss, huma speċifikati fis-subinċiż 5 tal-istess artikolu. Effetti li huma differenti għall-kawżi quddiem Qorti fl-ewwel grad minn dawk għall-kawżi*

*quddiem Qorti tat-tieni grad. Fil-każ ta' dawn ta' l-aħħar, dan is-subinċiż espressament jiddikjara illi jekk il-proċeduri bil-miktub ma jkunux ġew magħluqa fiż-żmien stipulat, il-kawża kellha titqies bhala kawża deżerta (is-subinċiż (b)).»*

33. Iżda l-Qorti kompliet tfisser li fil-każ ta' kawżi fl-ewwel grad fejn ma jkunx ġie osservat id-dispost tas-**subinċiż 1** tal-istess artikolu u fejn allura l-proċeduri bil-miktub ma jkunux ġew magħluqa fiż-żmien stipulat – kif inhu l-każ taħt eżami -

*«din għandha titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ u li sussegwentement, b'ordni tal-Qorti tkun tħalliet għal data mhux speċifikata u d-dispożizzjonjiet tal-artikoli 964 sa 967 ta' dan il-Kodiċi għandhom ikunu japplikaw għaliha.»*

34. Minn dan jinżel, kif mgħallem fis-sentenza msemmija fil-paragrafu ta' qabel, li allura l-liġi ma tridx illi f'każ ta' kawża quddiem Qorti tal-ewwel grad ikun hemm deżerzjoni awtomatika meta l-proċeduri bil-miktub ma jkunux ġew magħluqa fi żmien statutorju. Il-liġi f'dan il-każ stabbiliet proċedura preċiża kif tali deżerzjoni kellha, f'dawn il-każijiet, isseħħ.

35. Ladarba l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba li kellha quddiemha kif espressa, kienu kjarament japplikaw id-dispożizzjonijiet li għalihom din il-Qorti qiegħda tagħmel riferenza għalihom. Dan ifisser neċessarjament illi dak id-digriet ma kienx jimporta d-deżerzjoni awtomatika tal-kawża. Kien minflok jimporta l-applikazzjoni tal-**Artikoli 964** sa **967 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li għalihom is-**subinċiż 5 tal-Artikolu 963**, kien jagħmel espressament riferenza.

36. Tal-istess ħsieb kienet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza preliminari tagħha tal-5 ta' Mejju, 2009 fl-ismijiet ***Albert Mizzi nomine v. Alfred Bartolo et*** (liema sentenza ġiet ikkonfermata minn din il-Qorti nhar id-29 ta' Marzu, 2023), meta tenniet li l-liġi fir-rigward trid titqies kollha, u wieħed ma jridx iwarrab minn quddiemu dak li jgħid l-**Artikolu 963(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** dwar iż-żmien imsemmi fis-**subinċiż (2)** għal dak li jirrigwarda kawżi li jkunu pendenti quddiem il-Qorti fl-ewwel grad. F'dak il-każ, il-liġi tgħid li kawża li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jingħalqux fi żmien tas-sitt (6) xhur, titqies li tqegħdet fuq il-lista tal-kawżi li, f'ċirkostanzi oħrajn, jitħallew s*ine die* taħt id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 964 tal-istess Kodiċi**. L-**Artikolu 963(5)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jgħidx li l-kawża trid tkun segwiet l-*iter* imsemmi fl-**Artikolu 964(1)**, imma biss li, f'każ li kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, li l-proċedura bil-miktub tagħha ma tkunx ingħalqet fiż-żmien imfisser fl-**Artikolu 963(1)**, din titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista tas-smigħ u titqies bħala kawża li, b'ordni tal-Qorti, tkun marret *sine die,* għalkemm fil-fatt ma tkun għadha qatt hekk tqegħdet.

37. Illi l-frażi "*għandha titqies*" li tinsab fl-**Artikolu 963(5)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** trid tiġi mfissra kif riedha l-leġislatur, jiġifieri li kawża fl-ewwel grad li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jkunux ingħalqu fiż-żmien ta' sitt xhur, tkun tqegħdet għas-smigħ u

tħalliet b'ordni tal-Qorti *sine die*, bl-effetti maħsuba fl-**Artikolu 964** dwar kawżi hekk imħollija, magħdud magħhom l-istadju tal-pubblikazzjoni tal-listi kif hemm imfisser (ara ***Direttur tal-Kuntratti v. Cleanwell Services Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2003).

38. Din il-Qorti tqis li jiġi b'hekk li dan l-appell tressaq għalxejn u jidher li huwa frott ta' nuqqas ta' apprezzament tajjeb tal-artikoli tal-liġi applikabbli f'ċirkostanzi bħal dawk li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti. Għalhekk dak li kellu jagħmel l-attur kien li jressaq rikors quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawża terġa' tiġi appuntata mill-ġdid.

39. Magħdud ma' dan, jingħad li kuntrarjament għal dak li seħħ meta kien qiegħed jiġi mistħarreġ l-appell minn digriet ta' deżerzjoni fil-kawża fl-ismijiet ***Francesco Saverio Frendo v. Rev. Giuseppe Frendo at*** fejn, fost oħrajn, l-ilment ewlieni kien li l-Ewwel Qorti warrbet is-**subinċiż (5) tal-Artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, fil-każ tagħna l-attur injora għalkollox dan is-subinċiż. Minflok l-ilmenti tiegħu kienu jittrattaw għaliex il-kawża ma kellhiex titqies deżerta.

40. Għaldaqstant din il-preġudizzjali hija mistħoqqa.

41. Miżmum dan, m'hemmx lok li din il-Qorti tistħarreġ il-mertu tal-appell.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti **<u>tilqa'</u>** l-preġudizzjali mressqa minn Paul Mizzi (86044G), Joseph Mizzi, Paul Mizzi (11362G), Miraldine Buttigieg, Mary Mizzi u Michelina Calleja, u tiddikjara għalhekk l-appell imressaq mill-attur bħala wieħed irritwali u null.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu kollha mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss